DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 1701** **14. 09. 2011**

**DISKORS MILL-ONOR. DAVID AGIUS, MEMBRU PARLAMENTARI, WAQT IS-SEDUTA TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

Se nipprova ngħaqqad it-temi differenti ta' dawn is-seduti u nwassal il-messaġġ tiegħi fl-okkażjoni tal-lum.

**Il-politika hija ta' servizz**

Illum nawguralkom li qegħdin tesperjenzaw is-sabiħ tal-politika u tal-parlament li jirrappreżenta lill-poplu.

Il-politika mhux dak l-eżerċizzju maħmuġ li hemm min jipprova juri li hu.

Il-politika hija servizz. Impenn lejn is-soċjetà biex nagħtu sehemna sabiex ikollna pajjiż aħjar. Naqsam magħkom is-slogan personali tiegħi li żviluppajt tul dawn iż-żewġ leġislaturi li ili deputat elett mill-poplu: Hidma b'lealtà... dejjem għas-servizz tiegħek.

Nerġa' nitkellem dwar il-lealtà aktar 'il quddiem meta nitkellem dwar il-valuri. Għalissa nieqaf fuq il-kliem "dejjem għas-servizz tiegħek". Kull kelma f'din il-frażi għandha l-importanza ewlenija tagħha.

Aħna d-deputati qegħdin hawn għax ivvutalna l-poplu. Għalhekk qegħdin nagħtu servizz. Dan is-servizz jimliena b'unur, għax il-poplu għażel lilna, imma wkoll b'responsabilità kbira. Li tkun għas-servizz tal-poplu fid-dinja tal-lum mhix ċajta.

Bil-kelma "dejjem" qabel il-kliem għas-servizz tiegħek nixtieqkom tifhmu li dan l-impenn huwa impenn kontinwu.

Illum bit-tekonoloġija d-deputat huwa għas-servizz tal-poplu l-ħin kollu. M'għadux iż-żmien li deputat ikun milħuq meta jkun id-dar, l-uffiċċju jew fit-triq. Illum deputat jintlaħaq il-ħin kollu kullimkien f'kull jum. M'hemmx fruntieri jew serħan. Illum faċli tinduna li matul ftit tal-hin tkun ircevejt numru ta' *emails* u *sms*.

Għalhekk bħal kull sejħa fil-ħajja, jew tidħol għaliha b'impenn jew inkella tkun ta' toqol wisq kbir.



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt

**Id-delinkwenza fost iż-żgħażagħ**

In-nuqqas ta' dan l-impenn fl-estrem tiegħu ġieli jwassal għal delinkwenza. Bniedem jew ikun impenjat f'xi qasam jew sejħa fis-soċjetà u bħal donnu jisker fuq dak ix-xogħol, inkella fl-estrem l-ieħor, in-nuqqas ta' skop iwassal lil xi nies biex jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet li jagħmlu ħsara lilhom u lis-soċjetà.

U dan in-nuqqas ta' skop jaf jidher sew fi żmien iż-żgħożija.

Lil dawn iż-żgħażagħ żgħar irridu ngħinuhom billi nagħtuhom ambjent xieraq fejn jikbru kemm fil-familja, kemm fl-istituzzjonijiet edukattivi kif ukoll fil-komunitajiet tagħna.

Dawn fil-fehma tiegħi huma l-għodda li biha niġġieldu d-delinkwenza. U rridu noqogħdu attenti għaliex bħal kull għodda jistgħu jintużaw kemm b'mod tajjeb u kemm b'mod ħażin.

Dawn l-istess għodda tajbin tal-istituzzjonijiet tal-familja u l-istituzzjonijiet edukattivi u komunitarji meta ma jkunux użati sew isiru għodda li ssaħħaħ minflok tnaqqas id-delinkwenza.

Żagħżugħ jaf jissawwar dejjem aktar fid-delinkwenza jekk il-familja tiegħu ma tiġix mogħtija l-għajnuna u s-solidarjetà meta jkun hemm bżonn. B'hekk meta żagħżugħ jara d-dinja kemm hi inġusta mal-familja tiegħu li pereżempju qed tbati l-faqar u l-mard faċli li jitlef it-triq.

L-istess jgħodd għall-istituzzjonijiet edukattivi u komunitarji. Kull istituzzjoni għandha l-*ethos* tagħha li żammet b'għożża tul is-snin, anke l-familja.

Imma bħalma l-mod kif il-familji tagħna qed jgħixu flimkien illum mhuwiex l-istess bħalma kienu jgħixu flimkien snin ilu, hekk ukoll l-istituzzjonijiet edukattivi u komunitarji.

L-iskola minn dejjem u għal dejjem trid tibqa' tkun il-post assoċjat mal-iżvilupp tal-għerf, il-ħiliet u l-atitudnijiet tas-soċjetà li nixtiequ.

Biss irridu noqgħodu attenti li l-iskejjel jirrispettaw id-diversità tal-istudenti fil-mod kif jitgħallmu u l-*backgrounds* li jġibu magħhom. Anke l-membri tal-familja u r-rwoli li jaqdu jafu jkunu differenti. Għalhekk il-komunità trid tirrispetta u tagħraf tieħu vantaġġ mir-rikkezza tad-diversità ta' familji differenti li għandna fil-komunitajiet tagħna.

L-istess jgħodd għall-istuituzzjonijiet komunitarji.

Biex id-delinkwenza fost iż-żgħażagħ niġġieldulha, istituzzjonijiet komunitarji bħall-kunsilli lokali, l-għaqdiet taż-żgħażagħ u l-għaqdiet u l-postijiet li jiffrekwentaw iż-żgħażagħ iridu jagħrfu jinbidlu maż-żminijiet.

Ċert pereżempju li tafu sew b'dak li qed tagħmel fuq bażi nazzjonali l-Aġenzija Żgħażagħ li kienet frott il-ħidma tal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Clyde Puli u t-tim tiegħu. Issa dan is-servizz nitlobkom twassluh u tgħinuna nibdluh minn xi ħaġa nazzjonali għal xi ħaġa eqreb lejn iż-żgħażagħ fil-komunitajiet tal-irħula tagħna kollha għand iż-żgħażagħ tagħna kollha.

Id-delinkwenza ma tiġġildilhiex wisq bil-kastigi tal-pieni tad-dixxiplina punittiva, għad li din hemm postha wkoll. Għall-kuntrarju, id-dixxiplina pożittiva li tenfasizza l-pożittiv hija meħtieġa bil-wisq aktar.

Irridu flimkien nosannaw il-ħafna tajjeb li jsir u b'hekk nitfu l-ħażin li spiss ikun dak li jagħmel l-aktar ħoss fil-media.

**L-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol**

Intom li intom iżgħar minna komplu wasslu l-messaġġ favur ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol. Dawk minnkom li jattendu l-università intom il-ġenerazzjoni li tlajtu b'ugwaljanza assoluta, anzi biex inkunu preċiżi b'naqra aktar predominanza ta' nisa, fuq il-*campus* waqt l-istudju.

Intom iż-żgħażagħ li kellkom drittijiet indaqs għall-edukazzjoni tagħkom li mhix ikkundizzjonata mis-sess, il-familja li ġejjin minnha u l-introjtu tal-familja.

Is-servizzi qegħdin hemm għal kulħadd indaqs. Hemm ugwaljanza. Issa nitlobkom tkunu intom li taħdmu favur l-ekwità. Mill-ugwaljanza rridu nimxu għall-ekwità. Ugwaljanza tesiġi li kulħadd se jkollu l-istess punt tat-tluq. Nafu imma li fil-prattika għandna min hu żvantaġġjat. Allura rridu naraw flimkien li min hu żvantaġġjat jingħata dak l-appoġġ *extra* li għandu bżonn.

Nirreferikom ukoll għal dak li qal ir-Rettur tal-Università fid-diskors tal-kommemorazzjoni tal-Vitorja. L-edukazzjoni trid tkun iċ-ċavetta li tagħmel tajjeb għall-iżvantaġġi u l-inġustizzji li jeżistu anke f'pajjiżna biex verament naħdmu għall-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol.

Bil-globalizzazzjoni, fid-dinja tax-xogħol illum, aktar minn qatt qabel, min iħaddem u min jaħdem iridu jaħdmu flimkien. It-tnejn li huma, kemm min iħaddem kif ukoll il-ħaddiem li hu impjegat qegħdin jikkompetu f'suq li hi d-dinja kollha.

Malta hija membru tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea li qiegħda tikkompeti fis-swieq ma' potenzi finanzjarji li qed jinbtu fl-Asja. L-ugwaljanza għalhekk tfisser ukoll ħidma flimkien bejn min iħaddem, il-ħaddiem impjegat u l-gvern tal-pajjiż.

Dan huwa dak li ppruvajna nagħmlu f'pajjiżna matul iż-żmien ta' maltemp qawwi ekonomiku.

S'issa bil-ħidma li għamilna u li għadna rridu nagħmlu pajjiżna baqa' miexi. Din l-ekonomija qed nibnuha fuqkom iż-żgħażagħ sabiex tkomplu ssaħħu dan il-pajjiż biex ikompli jiżviluppa bis-sehem ta' kulħadd.

**Relevanza tar-reġjuni fil-gżejjer Maltin**

Malta hija gżira żgħira. Biss mhix punt ġeografiku wieħed. Għandha l-varjazzjonijiet tagħha minkejja ċ-ċokon.

Dan huwa dak li kont qed nitkellem dwaru ftit qabel meta tkellimt dwar id-differenza bejn l-ugwaljanza u l-ekwità.

Dan huwa dak li kont qed nitkellem dwaru ftit qabel meta tkellimt fuq ir-rikkezza fid-diversità. Mir-reġjuni differenti rridu noħorġu l-aqwa biex imbagħad ngħaqqdu kollox flimkien biex ikollna l-ġojjel li hu pajjiżna. Iva għad għandhom rilevanza r-reġjuni fil-gżejjer Maltin. Il-kunsilli lokali minbarra li jistabbilixxu identità partikolari għal-lokalità tagħhom iridu jagħtu sehemhom fit-tisħiħ tar-reġjun tagħhom.

Anke l-koperazzjoni bejn kunsilli lokali differenti hija meħtieġa aktar għaliex is-servizzi offruti fuq bażi reġjonali jafu jkunu aħjar u aktar effiċjenti minn dawk offruti individwalment.

Kunu intom għeżież żgħażagħ li ddaħħlu mentalità ġdida ta' koperazzjoni fit-tmexxija lokali. Fid-dinja globalizzata u fl-unjonijiet bejn il-pajjiżi li semmejt hemm lok għal koperazzjoni fuq bażi nazzjonali.

Ma jistax jonqos għalhekk li fuq bażi reġjonali wkoll irridu naħdmu flimkien. Nerġa' hawnhekk ngħaqqad ma' dak li diġà għidt. Irridu naħdmu biex ċerti reġjuni ma jibqgħux marbutin ma' ċertu stigmi u diffikultajiet. Kien għalhekk li anke bħala gvern għaqqadna flimkien l-iskejjel fuq bażi reġjonali ta' kulleġġi li qed jaħdmu flimkien għal identità reġjonali.

Anke istituzzjonijiet oħra għandhom ir-reġjonalità tagħhom. Il-Knisja Kattolika Maltija għandha l-unitajiet pastorali biex parroċċi differenti jaħdmu flimkien. Ħafna servizzi oħra huma maqsumin f'reġjuni għal servizz aħjar. Anke d-distretti elettorali minbarra li huma għodda kif titmexxa elezzjoni jistgħu ukoll ikunu għodda kif naħdmu flimkien bħala deputati li nirrappreżentaw distrett. Dan ġara mhux darba fil-passat. Issa rridu flimkien inkomplu naħdmu biex dawn ir-reġjuni differenti ta' servizzi differenti nġibuhom jaħdmu flimkien.

**L-identità Maltija - il-bieraħ, illum u għada**

L-identità Maltija ma teżistix weħidha. M'hemm l-ebda ħaġa li tista' tinqala' mill-kuntest storiku u tissejjaħ l-identità Maltija. Din hija bħall-identità ta' partit. L-identità ta' pajjiż, bħall-identità ta' partit, ma tistax tinqala' mill-kuntest taż-żmien. Iż-żmien isawwar l-identità ta' pajjiż. Il-ġrajjiet li minnhom jgħaddi pajjiż isawru l-identità ta' pajjiż li jkompli jinbidel u jevolvi tul iż-żminijiet.

Il-valuri għalhekk huma importanti. Il-valuri ftit jinbidlu. Mhux hekk biss, il-valuri nistgħu naħdmu biex ma jinbidlux. Kultant din il-ħidma hija ħidma kontra l-kurrent. Id-dibattitu tad-divorzju f'dan il-parlament għallimni kemm dan hu minnu. Il-politiku jista' jkun jinqabad f'dilemma bejn il-valuri tiegħu u l-valuri tal-poplu. Il-politiku jaf jinqabad bejn id-direzzjoni li lejha jrid jieħu l-pajjiż hu u d-direzzjoni li lejha jixtieq iwassal lil pajjiżna l-poplu li wara kollox jeleġġina biex nirrappreżentawh fil-parlament. Minn din il-kamra li hija l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, minkejja d-diffikultajiet kollha xorta nistgħu nkunu mexxejja għal dan il-pajjiż.

Niżżikom ħajr għall-ħin tagħkom illum biex taqsmu l-ideat tagħkom magħna. Niżżikom ħajr tal-ħin tagħkom il-bieraħ f'dak kollu li għamiltu mal-familja tagħkom biex bnejna l-pajjiż li għandna llum. Niżżikom ħajr għall-ħin li se tagħtu lil pajjiżna għada biex flimkien nibqgħu intejbu lil dan il-pajjiż li tant hu għal qalbna.